# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 5**

**Appell Nru. 264/92**

**Il-Pulizija (Sup. Daniel Gatt)**

**vs**

**Francis Vella**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 1992, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-imputat talli:

a) fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' marzu, 1983 u fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' marzu, 1983, mill-fond 32, St. John Street, Wardija kkometta serq ta' diversi oggetti antiki,li l-valur taghhom jeccedi l-Lml,000, ghad-dannu ta' Maurice u Anna Meli Bugeja, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin,

u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

b) fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' dicembru, 1980 ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u fidda li l-valur taghhom jeccedi l-Lml,000 mill-knisja tal-Kuncizzjoni ta' Bormla, ghad-dannu ta' l-Awtoritajiet Ekklesjastici, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

c) fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Jannar, 1980 ikkometta serq ta' diversi oggetti mill-fond "Aedeas Danielis" u milL-kappella tal-Madonna tal-Bon Konsill, iz-Zejtun li l-valur taghhom jeccedi L-Lm 1,000 ghad-dannu tal-mizzewgin Testaferrata Bonici liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara L-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

d) fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Marzu, 1982 ikkometta serq ta' diversi affarijiet antiki mill-fond 78, Gwardamangia Hill, Pieta' li l-valur taghhom jeccedi l-Lml,000 ghad-dannu ta' Albert F. Santucci, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

e) talli fit-23 ta' settembru, 1979, bejn is-6.30 p.m. u t-8.30 p.m. ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u tat-fidda mill-fond Hawlija, Pitkali Road, Attard, li l-valur taghhom jeccedi L-Lml,000 ghad-dannu tar-Reverendu Father Francis Saviour Bianco w il-familja tieghu, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bit- valur u bit-lok,
u/jew

f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

f) talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-17 ta' settembru, 1978 ikkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u tat-fidda mill-fond 50, Balzan Valley, Balzan li l-valur taghhom jeccedi L-Lm1,000 ghad-dannu ta' Frank Portelli u Albert Fenech liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bit-lok u bil-hin,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

g) talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' settembru, 1979 ikkometta serq ta' Lm2,000 u diversi oggetti tad-deheb u tat-fidda li l-valur taghhom jeccedi l-Lm1,000 mill-fond Casa Trigona, Nazju Ellul Street, Msida ghad-dannu tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona w il-familja tieghu liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bit-vatur, bit-lok u bil-hin,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

h) talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awissu, 1982 ikkometta serq ta' diversi oggetti antiki milt-hanut Touchwood, 60, Mannarino Road, Birkirkara li l-valur taghhom jeccedi l-Lml,000 ghad-dannu ta' Patrick Grech biema serq huwa kkwalifikat bit-mezz, bil-vatur, bil-lok u bil-hin,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn it-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

i) talli b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda f'dawn l-ahhar snin, f'dawn il-Gzejjer, ikkometta diversi serqiet ta' bosta oggetti ghad-detriment ta' diversi persuni li ghadhom mhux maghrufa,
u/jew
xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg misruqa, mehuda

b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibiieghhom jew imexxihom;

j) talli, f'dawn it-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizotuzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen t-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha, fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamet qliegh bi hsara ghad-dannu ta' Phyllis Ebejer u Salvina Aquilina, liema hsara tammonta ghalt-Lm9,680;

k) talli f'dawn it-Gzejjer, fiz-zminijiet fuq imsemmija, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bi hsara ta' Phyllis Ebejer u Salvina Aquilina, ghamel qliegh b'qerq liema hsara tammonta ghall-Lm9,680;

l) talli f'dawn it-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, kellu fil-pusses tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u meta d-dazju fuqha ma kienx gie mhallas jew ikkawtelat, bi ksur ta' l-Ordinanza dwar l-armi u tad-dwana;

m) talli fid-9 ta' marzu, 1981 bejn it-8.30 a.m. u l-10.30 a.m. mill-fond 11/1 Lower Victoria Terrace, Sliema kkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u tat-fidda ghad-dannu ta' Nathalie Urpani w il-familja taghha li l-valur taghhom jeccedi l-elf liri maltin (Lml ,000), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bit-lok,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

n) talbi fil-lejl ta' bejn 1-14 u 1-15 ta' frar, 1983 mill-fond "Nhajra", Balluta Road, Wardija kkometta serq ta' diversi oggetti li l-vatur taghhom jeccedi l-elf liri maltin (Lml,000) ghad-dannu ta' Gorg Schembri liema serq huwa kkwatifikat bit-mezz, bil-vatur, bil-hin u bil-lok;
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa,

mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahat biex ibieghhom jew imexxihom;

o) talli fit-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Novembru, 1976 mill-fond 449, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara kkometta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u tat-fidda li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' Alfred Busuttil liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bit-hin u bil-lok;
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement baqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

p) talli bejn l-10 u t-18 ta' Awissu, 1981 mill-fond "Aedeas Danielis", Carlo Diacono Street, Zejtun ikkometta serq ta' diversi oggetti li t-valtur taghhom jeccedi l-elf liri maltin (Lm1,000) ghad-dannu tat-famitja Testaferrata Bonici liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok;
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement baqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

q) talli fil-lejl ta' bejn 1-4 u 1-5 ta' Awissu, 1982 mill-fond 'The Vines", 51, Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex ikkometta serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Alfred Sant Fournier li l-valur taghhom jeccedi l-elf liri maltin (Lm 1,000) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

r) talli bejn 1-20 u 1-24 ta' Settembru, 1980 mill-Logga ta' San Pietru u San Gwann li qieghda 6/7, Marsamxetto Road, il-Belt, Valletta ikkometta serq ta' oggetti mill-imsemmija logga li l-valur taghhom jeccedi l-elf liri maltin (Lm1,000) ghad-detriment ta!-grupp tal-logog ta' Malta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa,

mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

s) talli ft-4 ta' Frar, 1983 ghall-habta ta' bejn il-5.00 p.m. u d-9.00 p.m. mill-fond "Ballut Cottage", Tal-Ballut, Wardija ikkometta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-elf liri maltin (Lml,000) ghad-dannu ta' Richard Ellis liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok,
u/jew
f'xi zmien wara d-data hawn fuq indikata, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara l-hwejjeg hawn fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' April, 1988 li ddikjara li wara li ra l-attijiet tal-kumpilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu illi mill-kumpilazzjoni tista' tinsab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:
(a) fl-artikoli 261 (b)(c)(e)(f), 263(a), 264(i), 265, 266(1 )(2), 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3), 20, 279(b), 280(1)(2), 281(b) tat-Kodici Kriminali;

(b) fl-artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 308,309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 (piena ta' qabel l-emendi tal-Att XXXV ta' l-1986)
baghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni lil dina l-Qorti sabiex tiddecidi fuq l-akkuza ta' din htija jew htijiet barra kull cirkostanza ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju, 1988 fejn l-imputat ta l-kunsens tieghu biex dan il-kaz jigi trattat bi prodedura sommarja.

Semghet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputat bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat hu akkuzat b'diversi akkuzi li minhabba l-kobor ta' dan il-process u l-komplessita' tieghu se jigu trattati separatament.

L-imputat hu akkuzat li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u li

fuqha ma giex imhallas id-dazju bi ksur ta' l-Ordinanzi dwar l-armi u tad-dwana. Illi mill-provi prodotti ma tirrizultax xi prova dwar il-ksur ta' l-Ordinanza tad-dwana u fil-fatt l-anqas l-Avukat Generali ma ghamel accenn ghall- ksur ta' din l-Ordinanza meta hareg l-artikoli u kwindu din il-parti tal-akkuza ghandha tigi kunsidrata li giet rinunzjata. Min-naha l-ohra l-imputat stess kemm fl-istqarrija tieghu tal-10 ta' Gunju, 1984 kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti ammetta li kellha fil-pussess tieghu din l-arma. Hu kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija, permezz tal-avukat tieghu, ghall-licenzja izda din it-talba giet rifjutata. Madankollu hu zamm l-arma l-istess. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju illi dina l-parti tal-akkuza giet pruvata.

L-imputat hu akkuzat ukoll bi frodi ta' Lm9,680 ghad-dannu ta' Phyllis Ebejer u Salvina Aquilina. Mill-provi prodotti tirrizulta l-kwerela tal-partijiet offizi kif ukoll hemm ix-xhieda ta' certu Benjamin Farrugia li suppost kien ibbenefika minn din il-frodi wkoll. Min-naha tieghu l-imputat dejjem cahad li kellu x'jaqsam ma' dan il-fart. Minn analizi attenta tal-kwerela johorgu allegazzjonijiet li ma jsibux prova biex tavallhom. Fil-kwerela jinghad illi gie moghti b'rahan deheb falz izda prova ta' dan m'hemmx. Jirrizulta illi l-kwerelanti jitolbu protezzjoni mill-imputat izda jidher illi dina l-kwistjoni ghanda nizvolti civili. Hi x-xhieda ta' Benjamin Farrugia li effettivament torbot lill-impuat mal-fatti allegati fil-kwenela izda nonostante dan din il-Qorti mhix sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha fil-grad rikjest mil-Ligi.

L-imputat jinsab akkuzat ukoll b'sensiela ta' serqiet li graw matul il-medda ta' diversi snin. Hawnhekk, wiehed m'ghandux ghalfejn jiddilunga fuq dawn l-akkuzi. Fil-process kollu ma hemm ebda prova li l-imputat ha parti f'dawn is-serqiet. Huma kollha serqiet ta' oggetti ta' valur kbir kif ukoll ta' valur kbir artistiku ghad-dannu ta' diversi familji Maltin izda l-imputat mhux hati ta' l-akkuzi li ghandhom x'jaqsmu mas-serq.

L-imputat, fl-ahhar nett, jinsab akkuzat b'nicettazzjoni ta' diversi oggetti li nstabu fid-dar tieghu u skond l-akkuza dawn l-affarijiet kollha ghandhom provenjenza llegittima. Fix-xhieda tieghu, li damet sejra ghal diversi seduti, l-imputat ta spjegazzjoni dettaljata ta' l-origini ta' kull oggett li kellu fid-dar tieghu u li gie elevat mill-pubizija fil-kors ta' l-investigazzjoni taghhom. izda hu fenm kurjuz kif dawn l-oggetti wkoll gew identifikati minn diversi persuni ii b'kumbinazzjoni kienu sofrew xi serq fid-djar taghhom. Haga ohra nteressanti hu l-fatt illi l-imputat irilaxxa hames stqarrijiet lill-pulizija u f'kull wahda minnhom ammetta illi

minhabba fatt li kien ihobb tant l-affanijiet antiki hu kien jixtrihom l-istess anki jekk ikunu misruqa. Dan it-fatt ukoll ikkonfermah fix-xhieda tieghu rigward oggett wiehed partikolari li qal li kien xtrah b'sogru. L-istqarrijiet tieghu liIl-pulizija ma gewx attakati waqt id-dibattiment fit-kawza odjerna. L-imputat illimita ruhu jghid li l-istqarrijiet m'humiex vera. Ma forna ebda spjegazzjoni ghaliex ghamet dawn l-istqarrijiet b'tant dettal u precisjoni. Kien hu li ndika lill-pulizija fejn kien qed izomm dawn l-oggetti. Hu difficli hafna li wiehed jemmen lill-imputat specjalment meta fost l-oggetti li nstabu ghandu nsibu affarijiet li nsterqu minn knisja u dawn l-oggetti min-natura taghhom stess tinduna x'inhi l-origini taghhom. Anki jekk dina l-Qorti kellha tiskarta, ghall-grazzja ta' l-argument l-istqarrijiet li ghandha quddiemha hemm diversi xhieda tal-pulizija li bil-gurament taghhom fl-ewwel lok ikkonfermaw li l-imputat stqarr maghhom li kien jaf l-origini llecita ta' dawn l-oggetti u fit-tieni lok tant xehdu nies f'dina l-kawza li identifikaw l-oggetti taghhom illi difficli tghid li kollha ghandhom tort. Fil-fatt hemm kwantita' kbira ta' oggetti li ma gew identifikati minn hadd u jekk jigu analizzati dawn l-oggetti, haga li ghamlet dina L-Qorti, ssib li dawn huma affarijiet li wiehed soltu jsib fid-dar. Ghandu jigi nilevat illi meta l-pulizija ghamlu it-tfittxija fid-dar ta' l-imputat jidher liii thawdu sew u ddecidew illi jgorru hafna affarijiet id-depot tal-pulizija li effettivament kienu ta' l-imputat u tal-familja tieghu.

L-imputat dejjem stqarr li hu kollezzjonista minn ckunitu u l-bolli u parti mill-muniti li gew elevati mill-pulizija ma gew reklamati minn ebda persuna. Wiehed mill-affarijiet kurjuzi hi fil-fehma ta' din il-Qorti jmorru kontra il-kredibilita' ta' l-imputat hu l-fatt li fil-pussess ta' l-imputat instabu ghodda biex idewweb il-fidda u l-ispjegazzjoni xejn sodisfacenti li ta biex jispjega kif spiccaw ghandu numru ta' ngotti tal-fidda. Dawn l-ingotti ma kienux puri u jidher car illi min kien hadimhom zgur ma kienx espert.

Il-valur totati tal-oggetti li gew identifikati jammonta ghall-erbgha u tletin elf tmien mija u tnejn u tletin liri maltin cirka (Lm34,832). Dan il-valur hu sudivis fis-sittax il-serqa izda jigi nilevat illi ma gie moghti ebda valur lil dawk l-oggetti li gew misruqa mill-knisja parrokkjali ta' Bormla billi huma ta' valur inestimabbii. Jigi rilevat ukoll illi mhux ir-refurtiva kollha minn kull serqa giet misjuba izda hu ta' interess li wiehed jinnota illi s-serqiet kollha li ghandhom x'jaqsmu ma' dan il-kaz huma kolha serqiet ta' kwalita' qiesu l-malviventi li wettqu dawn ir-reati kienu jafu perfettament x'qed ifittxu u fejn kienu ser jippjazzaw il-merkanzija. Xoghol maghmul bil-galbu ghat kollezzjonista. Din il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat kien jaf bil-provenjenza llecita ta' dawn l-oggetti.

Il-valur tar-refurtiva misjuba fid-dar ta' l-imputat skond kull serqa hi s-segwenti:

1) zewg serqiet mill-fond 32, St. John Street, Wardija
data: 16 ta' Marzu, 1983 u 25/26 ta' Marzu, 1983
valur: Lm7,673

2) serq miil-Knisja tal-Kuncizzjoni, Bormla
data: 18/19 ta'Dicembru, 1980
valur: inestimabbli

3) zewg serqiet mill-fond "Aedeas Danielis" u mill-kappella tal-Madonna tat-Bon Kunsill, Zejtun
data: 18/l9 ta' Jannar, 1980 u 10/18 ta' Awissu, 1981
valur: Lml0,529

4) serq mill-fond 78, Gwardamangia Hill, Pieta'
data: 27/28 ta' Marzu, 1982
valur: Lml,826

5) serq mill-fond "Hawlija", Pitkali Road, Attard
data: 23 ta' Settembru, 1979
valur: Lm450

6) serq mill-fond 50, Balzan Valley, Balzan
data: 15/17 ta' Settembru, 1978
valur: Lm3,924

7) serq mill-fond Casa Trigona, Nazju Ellul Street, Msida
data: 5/6 ta' Settembru, 1979
valur: Lm435

8) serq mill-fond "Touchwood", 60 Mannarino Road, Birkirkara
data: 10/11 ta' Awissu, 1982
valur: Lm2,233

9) serq mill-fond 11/1, Lower Victoria Terrace, Sliema
data: 9 ta' Marzu, 1981
valur: Lm1,115

10) serq mill-fond "Nhajra", Balluta Road, Wardija
data: 14/15 ta' Frar, 1983
valur: Lm395

11) serq mill-fond 449, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara
data: 18/19 ta' Novembru, 1976
valur: Lm5,116

12) serq mill-fond "The Vines", 5, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex
data: 4/5 ta' Awissu, 1982
valur: Lml0

13) serq mill-Logga ta' San Pietru u San Gwann,
6/7, Marsamxetto Road, Valletta
data: 20/24 ta' Settembru, 1980 - valur: Lm35

14) serq mill-fond Ballut Cottage, Tal-Ballut, Wardija
data: 4 ta' Frar, 1983
valur: Lml,091

> Naturalment, il-valur hawn fuq indikat huwa l-valur tal-oggetti li nstabu fil-pussess tal-imputat. Il-valur attwati tas-serqiet hawn fuq indikati hu ferm u ferm ikbar. Fit-fehma ta' dina l-Qorti il-Prosekuzzjoni rnexxiehha tipprova l-kaz taghha dwar ir-reat tar-ricettazzjoni li ghalih ghandu jwiegeb l-imputat.
>
> Ghaldaqstant, issib l-imputat hati dwar it-pussess ta' arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u hati ta' ricettazzjoni ta' oggetti tal-valur komplessiv ta' Lm34,832 liema oggetti l-imputat kien jaf li kienu ta' provenjenza llecita, liema provenjenza hi ndikata hawn fuq. Ma ssibux hati ta' l-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu u kwindi tilliberah mill-istess akkuzi. Rat l-artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 3(1) tat-kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta (piena ta' qabel l-emendi tal-Att XXV ta' 1-1986) u wara li hadet in konsiderazzjoni l-Proklama mill-President tar-Repubblika tad-29 ta' Jannar, 1987 tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' hames snin prigunenija u tordna l-konfiska ta' l-arma ezebita".

Minn dik is-sentenza appella l-imputat permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fit-3 ta' Novembru, 1992, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirriformaha fejn sabitu mhux hati u tilliberah mir-reat ta' ricettazzjoni u tikkonfermaha dwar il-pussess ta' l-arma minghajr licenzja, u fi kwalunkwe kaz, tirriformaha dwar il-piena.

Is-sottomissjonijiet orali li saru fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza piu' o meno huma rifless ta' dawk kontenuti fir-rikors ta' l-appell u ghalhekk ghall-fini ta' praticita', ser jigu prodotti brevement il-lanjanzi ta' l-appellant.

Fl-ewwel lok, l-appellant jissottometti li r-ricettazzjoni ghandha bhala element kostituttiv taghha x-xjenza li, skond il-ligi, ghandha tkun certa u

pozittiva. Element iehor huwa li l-oggett ikun gej minn reat, ghalkemm dan mhux necessarjament li jkun serq.

Dejjem dwar l-element tax-xjenza, l-appellant mhux biss ta spjegazzjoni dettaljata u verosimili tal-provenjenza ta' kull wiehed mill-oggetti li nstabu ghandu, imma ghandu jittiehed kont ukoll li hu ma kellu ebda obbligu legali f'dawn il-proceduri li jaghmel dan. Dan ghaliex hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-element tax-xjenza kontra tieghu. L-appellant jissottometti li kif iddesumietu s-sentenza, huwa fuq bazi ipotetika biss li jista' jinghad li nstab hati. Infatti s-sentenza appellata tghid: "Hu ferm kurjuz kif dawn l-lggetti gew identifikati minn diversi persuni li b'kumbinazzjoni sofrew serqiet fid-djar taghhom".

Dwar ix-xiri b'sogru, l-appellant jghid li l-element intenzjonali tieghu kien precizament dak li ma jhallix oggett ta' valur jiddewweb, u dan mhux necessarjament l-element tax-xjenza rikjesta mil-ligi ghall-fini tar-reat ta' ricettazzjoni li tieghu nstab hati u issa qed jitlob li jigi liberat minnu.

Din il-Qorti ser tghid ukoll liema huma l-lanjanzi ta' l-appellant fir-rigward ta' fatti biex imbaghad tittratta l-appell tieghu b'mod komprensiv.

Dwar il-fatti l-appellant jissottometti li hija haga ta' l-iskantament kif nies li jghidu li nsterqilhom xi oggett, l-istess oggett fil-fatt, imbaghad, jigi

identifikat minn persuna ohra. Mhux hekk biss, imma sahansitra saret kawza civili, fejn wara li giet esebita lista shiha, qed jintalab li l-Qorti tiddikjara liema mill-atturi huma l-proprjetarji ta' l-oggetti li jinstabu fil-process.

L-appellant jirrileva li l-ewwel Qorti qalet li ser toqghod fuq il-pulizija li maghhom ghamel stqarrijiet l-imputat, kemm formali kif ukoll verbali. Invece, huwa jissottometti li jirrizulta mill-process li kien hemm curkett ta' certu valur konsiderevoli li ttiehed flimkien ma' l-oggetti l-ohra li gew elevati mill-pussess tieghu, u li gheb waqt li kien fid-depot tal-pulizija.

L-appellant jilmenta wkoll li gie sprovvist minn wiehed mill-mezzi li kellu biex jiskaguna lilu nnifsu u jipprova kif xtara l-oggetti, cioe', d-dettalji tal-provenjenza relattiva taghhom, b'dokument u dan peress li, kif hemm wara kollox accettat fis-sentenza appellata stess, u kif gie pruvat, id-dokumenti teighu ittiehdu kollha, ma gewx ritornati u ma nstabux, b'mod li allura ma kienux ghad-disposizzjoni tieghu biex jiddefendi lilu nnifsu bihom.

L-oggetti li nstabu, barra li huma oggetti tal-Knisja ta' Bormla, ma fihom xejn uniku u singolari. Huwa ma kellux oggetti li kienu unici, imma oggetti li fiz-zmien imbieghed kienu jinstabu pratikament fid-djar.

Dwar il-fidda mdewba, huwa jispjega li dawn kienu muniti qodma li ma kellhomx valur numizmatiku u li kienu ddewbu ghaliex kien fihom aktar valur bhala fidda milli dak intrinsiku taghhom bhala munita.

Huwa jaghmel osservazzjoni finalment bl-intenzjoni li jikkonvinci lil din il-Qorti thares lejn il-kaz tieghu b'ottika differenti minn dik ta' l-ewwel Qorti, u dana billi jghid illi wiehed jistaqsi: Jista' jkun li bniedem verament hu kollezzjonista u dilettant ta' l-antikitajiet imur idewweb l-oggetti ta' valur halli jkollu l-fidda minflokhom imbaghad imur idendel inkwadri li gejjin minn serq maghmul minn haddiehor fis-salott biex jarahom kulhadd kif malajr rawhom il-pulizija?.

Fl-ahharnett l-appellant ghandu xi sottomissjonijiet dwar il-piena u jilmenta principalment mill-fatt li, skond hu, inghata l-massimu tal-piena tar-ricettazzjoni u din kellha tkun inqas.

Ikkonsidrat:-

Illi mill-ewwel daqqa t'ghajn, dan huwa kaz fejn kwalunkwe gudikant ta' esperjenza, jitghallem joqghod attent biex ma jigix impressjonat negattivament u indebitament mill-bidu tal-process kontra l-appellant. Infatti, jekk wiehed ihares lejn l-akkuzi originali, wiehed kien malajr jahseb illi ghandu quddiemu wiehed mill-akbar hallelin f'Malta, halliel

inkallit u specjalizzat fis-serq ta' antikitajiet u oggetti prezzjuzi, truffatur per eccellenza, bniedem perikoluz illi inoltre izomm ghandu fil-pussess tieghu arma tan-nar, minghajr licenzja tal-pulizija, u anke s'intendi, ricettatur prim. In realta', jekk wiehed ihares lejn l-akkuza kif kienet originali, isib li per ezempju, kien akkuzat b'mhux inqas minn 20 serqa ingenti kommessi matul medda ta' snin konsiderevoli, li, kif inghad, kieku pruvati, kienu jirrendu lill-appellant bhala wiehed mill-hallelin primi ta' dawn il-gzejjer. Invece, wara illi gie kostruwit process illi johodlok gimghat, jekk mhux xhur, biex taqrah kollu u tidhol fid-dettall tieghu, issib li minn dawn l-akkuzi kollha ta' serq spicca kollox fix-xejn, u anqas l-icken hjiel ta' prova ma hemm fil-process illi jindika li seta', anke lontanament, kien involut f'xi wahda minn dawn l-ghoxrin serqa. Imbaghad, l-akkuza l-ohra tal-frodi li wkoll meta taghsar il-provi, effettivament, issib li ma hemm assolutament xejn x'jista' isammar lill-appellant ma' din l-akkuza u ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li lliberatu.

Jibqa' z-zewg akkuzi li taghhom effettivament gie misjub hati. L-ewwel wahda minnhom hija l-pussess ta' l-arma u munizzjon, pussess li huwa llum ma jikkontestax. Infatti, fit-talba tieghu kif kontenuta fir-rikors ta' l-appell, m'huwiex qed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta' din l-akkuza.

Invece, qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata inkwantu sabitu hati ta' ricettazzjoni.

Din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni ta' xejn, taqbel ma' l-ewwel Qorti li hemm provi bizzejjed, li almenu fir-rigward ta' xi uhud mill-oggetti li nstabu ghand l-appellant gew elevati minnu jissussistu l-elementi kollha kemm materjali kif ukoll formali li jintegraw ir-reat ta' ricettazzjoni u li ftit li xejn hija valida s-sottomissjoni ta' l-appellant li, fil-konfront tieghu, assolutament ma hemmx provi tax-xjenza. Pero', anke hawn din il-Qorti ghandha xi rizervi. Jidher illi l-Qorti fl-elaborazzjoni tas-sentenza u tal-hsieb u konsiderazzjonijiet taghha li wassluha biex tikkonkludi li ssib htija fil-konfront ta' l-appellant, halliet lilha nfisha tigi mpressjonata bil-konvinzjoni li ma setghax ikun li l-appellant mhux ricettatur. Infatti hemm parti mis-sentenza appellat li speci ghamlet paragun bejn dak li kien qieghed isostni l-appellant, anke bil-gurament tieghu, u dak li identifikaw, gharfu u stqarru bil-gurament diversi persuni, prorjetarji ta' hafna mid-diversi oggetti li nstabu ghand l-appellant, u qalet li ma jistax ikun li dawn il-persuni kollha huma zbaljati. Ergo, waslet ghall-konkluzzjoni li una volta ma setghux ikunu zbaljati huma, bilfors huwa zbaljat l-appellant li allura bil-fors hu responsabbli. Dan it-tip ta' ragonament din il-Qorti ma taqbilx mieghu. Din il-Qorti jidhrilha li kellu jittiehed oggett, oggett dak kollu illi l-akkuzat kien qed jigi mixli li laqa' ghandu illegalment fit-termini ta' l-elementi tar-reat tar-ricettazzjoni kif

inhuma taht il-ligi maltija u f'kull kaz il-Qorti, wara li tezamina l-fatti, tistabilixxi mhux biss jekk kienx jirrizulta l-pussess, imma anke tara jekk kienx hemm ix-xjenza doluza li dawn il-qrati f'diversi sentenzi li nghataw matul l-ahhar mija u hamsin sena spjegaw fid-dettal u li m'hemmx ghalfejn tigi ripetuta f'din is-sentenza.

Hemm hafna xi tghid kontra l-appellant: fl-ewwel lok jidher li veru huwa kollezzjonista u anke, sa certu punt, negozjant f'kull tip ta' oggetti antiki. Huwa kollezzjonista minn zmien twil, u jispjega li minn mindu kien ghadu tifel, u dan il-fatt jimmilita kontrih f'certu sens daqs kemm ghandu jimmilita favorih. Jimmilita kontrih peress li jidher li kien tip ta' kollezzjonista li jixtri kull ma jigi ghal idejh, jekk mhux kull ma jara u joghgbu, minghajr ma, almenu kif qed tifhem din il-Qorti, joqghod jidhol wisq fid-dettall biex jara l-legittimita' tal-provenjenza. Anzi hemm fil-process ukoll indikazzjonijiet li juru li kien hemm kazijiet fejn ma setghax ikollu dubju, u effettivament ma kellux dubju li dawn kienu provenjenti minn attivita' illecita', partikolarment serq, u dan huwa rifless anke mill-mod kif kienu mohbija certu oggetti fid-dar ta' abitazzjoni tiehu.

Din il-Qorti pero' ma tridx tiggeneralizza daqs kemm iggeneralizzat l-ewwel Qorti, u dana ghaliex jidhrilha illi jekk l-appellant kellu l-provi disponibbli biex jipprova l-innocenza tieghu fir-rigward ta' diversi mill-oggetti li gew prelevati minn ghandu permezz ta' dokumenti, u minn din

il-prova gie mcahhad, tort tan-negligenza tal-pulizija li ma kienetx f'posizzjoni li tirritornalu l-istess dokumenti, fil-fehma ta' din il-Qorti m'ghandux ibati pregudizzju. Hija hasra illi f'kaz bhal dan, fejn il-pulizija rnexxielha tirkupra diversi oggetti misruqa minn persuni mhux maghrufa f'diversi okkazzjonijiet, oggetti xi whud minnhom verament prezzjuzi, imbaghad jigri li uhud minnhom, bhal per ezempju c-curkett li ghalih hemm riferenza fl-atti, jisparixxu mill-pussess tal-pulizija waqt li dawn ghadhom fil-kustodja taghhom. L-istess jinghad ghad-dokumenti kollha li ttiehdu minn ghand l-appellant u li ma nstabux u li hu, u din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghax tiddubita minn dan li qed jghid hu ghax ma hemmx prova kuntrarja, isostni kienu essenzjali ghalih biex ikun jista' jiskaguna lilu nnifsu jekk mhux minn kollox, almenu f'certi kazijiet ta' oggetti prelevati mill-pussess tieghu.

Hemm ukoll konsiderazzjoni ohra li tidher li mpressjonat lill-ewwel Qorti u li ma timpressjonax daqshekk lil din il-Qorti, u, cioe', il-fatt li ghand l-appellant instab apparat intiz biex bih idewweb il-fidda. L-ewwel Qorti wkoll dehrilha li m'hi xejn sodisfacenti l-ispjegazzjoni li ta biex jispjega kif spiccaw ghandu numru ta' ingotti tal-fidda. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa daqstant importanti dan il-fatt ghall-fini tal-prova tax-xjenza tal-provenjenza illecita. Dan hu possibilment indikattiv li l-appellant mhux xi pur u ghandu jgorr ir-responsabilita' ta' certu htijiet imma mhux necessarjament ifisser dak li qalet l-ewwel Qorti. Infatti, m'hemmx xejn

inverosimili jew inaccettabbli fis-sottomissjoni tieghu li per ezempju diversi muniti li ma kellhomx valur jumizmatiku, kien jaqbillu jdewwimhom biex jiehu il-kontenut tal-fidda taghhom ghax kienu jiswew aktar. Kull min jifhem fin-numizmatika jaf li hemm diversi muniti li essenzjalment wiehed jista' jaghmel gwadann minnhom propju jekk idewwibhom ghall-kontenut ta' certi metalli milli jekk jhalli l-munita bhala tali ghal dak li hu valur intrinsiku taghha fis-suq tan-numizmatika li hu regolat minn diversi fatturi u mhux biss dak tal-valur tal-kontenut tal-per ezempju fidda.

Kollox ma' kollox din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm ser taqbel mal-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li jirrizulta reat ta' ricettazzjoni, ghax bhall-ewwel Qorti thossha li f'certi okkazzjonijiet hemm il-prova taz-zewg elementi kostituttivi ta' dan ir-reat, pero', din ir-ricettazzjoni ma kienetx estensiva daqs kemm jidher li wiehed jiehu impressjoni mis-sentenza appellata.

Minn ezami ta' l-atti processwali din il-Qorti jidhrilha li l-uniku kaz fejn thossha konvinta li hemm prova sufficjenti u konvincenti bizzejjed biex issibu hati huwa fir-rigward ta' l-oggetti misjuba ghandu provenjenti mill-Knisja tal-Kuncizzjoni ta' Bormla, u kif ukoll dawk provenjenti mill-fond Aedes Danielis u mill-Kappella tal-Madonna tal-Bon Kunsill taz-Zejtun. Fuq l-oggetti l-ohra din il-Qorti ma thossx illi serenament tista'

tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti, li wara kollox hija konkluzzjoni wahda u unika ghall-oggetti l-ohra, billi hemm il-prova necessarja tax-xjenza fic-cirkostanzi partikolari.

Fil-fehma ta' din il-Qorti fir-rigward ta' l-oggetti provenjenti minn dawn iz-zewg serqiet partikolari, ghalkemm l-appellant ipprova jaghti spjegazzjoni li kwazi jaghti ad intendere li mhux talli ma kellux xjenza kriminuza imma anzi kien strumentali biex jigu salvati dawn l-oggetti tal-fidda u ma jigux imdewwba u distrutti darba ghal dejjem, ma tarax illi huwa kkonvinca lil din il-Qorti sufficjentement mill-innocenza tieghu. Kif inghad din il-Qorti thoss illi hemm bizzejjed biex abbazi ta' dak li jinghad seta' jinstab hati ta' ricettazzjoni ta' dawn l-oggetti.

S'intendi, dan kollu li ghadu kemm inghad supra ghandu jkollu rifless ghal dik li hija piena. Il-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-fatt li hija ffurmat l-opinjoni li l-ewwel Qorti kienet impressjonata negattivament izzejjed b'dak li gie prospettat quddiemha fil-konfront ta' l-appellant, u l-fatt illi r-ricettazzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, tista' tigi limitata biss ghall-oggetti li ssemmew supra u mhux ghal dak kollu li kkonsidrat l-ewwel Qorti, hu l-kaz li l-piena ta' hames snin prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti tigi ridotta, kif effettivament ser tigi ridotta ghal sentejn. Din l-istess piena sejra wkoll tigi sospiza fit-termini tal-ligi u dana partikolarment minhabba cirkostanzi partikolari li emergew fil-kors

tat-trattazzjoni, l-eta’ ta’ l-appellant u anke l-kondizzjoni fizika u fizjologika prekarja tieghu u ghaliex jidher ukoll illi l-appellant, wara dan l-incidet, ma baqax jippersisti fuq it-triq kriminuza li evidetement f’okkazzjonijiet precedenti kien abbraccja.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tichdu in kwantu intalbet ir-revoka tas-sentenza appellata ghal dik li hi htija ta’ ricettazzjoni u l-kundanna ghall-piena ta’ prigunerija, u minflok, din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward, tiddikjara li r-ricettazzjoni hija limitata ghal dawk l-oggetti li ssemmew aktar ‘il fuq u cioe’, ghal dawk provenjenti mis-serqiet elenkati bin-numru 2 u 3 fil-parti konkluziva tas-sentenza appellata u mhux ghall-oggetti l-ohra, u konsegwentement ghalhekk, tikkonferma l-htija ta’ ricettazzjoni. Kwantu ghall-piena is-sentenza appellata qed tigi riformata billi l-piena ta’ hames snin prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti qed tigi ridotta ghal sentejn, b’dan li din l-istess piena tkun sospiza fit-termini ta’ l-art. 28 (A) tal-Kodici Kriminali ghall-perjodu ta’ 4 snin mil-lum bil-kundizzjoni li l-appellant ma jikkommetti ebda reat iehor f’dan il-perijodu. Tibqa’ konfermata wkoll mhux biss il-kundanna fuq ir-reat ta’ pussess ta’ arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, imma anke l-ordni tal-konfiskar ta’ l-istess.

Dep/Reg mm